**MINUTI LAQGĦA NUMRU 43**
**TAL-KUNSILL LOKALI QALA**

It-Tnejn, 31 ta' Jannar 2022.

Il-Kunsill Lokali Qala ltaqa' fiċ-Ċentru Ċiviku Qala, illum it-Tnejn 31 ta' Jannar 2022, fl-16:30 ta' filgħaxija.

PREŻENTI:
Paul Buttigieg – Sindku
Ivan Cefai – Viċi Sindku
Karl Buttigieg – Kunsillier
Joseph Buttigieg – Kunsillier
Valerie Cassar Mejlak – Kunsillier

Uffiċjal Preżenti:
Lorne Cremona - Aġent Segretarju Eżekuttiv

**Minuti**

Is-Sindku Paul Buttigieg ippresieda l-laqgħa.

# 43.1 Qari tal-ittri tal-apoloġiji;

42.1.1 Ma kienx hemm ittri ta' apoloġiji.

# 43.2 Konsiderazzjoni u approvazzjoni tal-minuti;

43.2.1 Laqgħa Numru 8.41

43.2.1.1 Il-Kunsilliera Valerie Cassar Mejlak qalet li minuta numru 41.9.5.3 riedita li l-email tas-Sur Fava tkun *shared* ma kulhadd. Jigi ccarat li l-Kunsilliera Valerie Cassar Mejlaq xtaqet li l-email tal-Aġent Segretarju Eżekuttiv ma tigix shared.

43.2.1.2 Sindku re 41.4.31 jizdied li meta ntqal dan kollu kien hemm prezenti Dr Scerri, il-Magistrat, ir-Registratur, l-Aġent Segretarju Eżekuttiv, Dr Calleja.

43.2.1.3 Valerie u Karl re numeration tal-minuti



Ċentru Ċiviku, Triq l-Isqof Mikiel Buttiġieġ, Qala, Għawdex, Malta
+356 2155 2555 qala.lc@gov.mt

43.2.1.4 Valerie 41.7.17 (entered as 40.7.17) re pjan holistiku, correction pjan holistiku semmietu Valerie mhux il-Vici Sindku

43.2.1.8 Il-Kunsill approva il-minuti tal-laqgħa numru 40 bit-tibdiliet hawn fuq imniżżla.

43.2.2 Laqgħa Numru 8.42

43.2.2.1 Il-Kunsillier Karl Buttigieg talab li f'minuta numru 42.9.3 jitniżżel li kien hu li pppropona l-isem "triq Dun Anton Sultana".

43.2.2.2 Il-Kunsilliera Valerie Mejlak għamlet referenza għal minuta numru 42.3.18.2, speċifikament fil- parti fejn intqal "ma mmorrux l-estrem l-ieħor". Jiġi ċċarat li dan il-passaġġ kien intiz għal parti fejn is-sindku ippropona li sejħiet għal kwotazzjonijiet jiġu mxandra fuq il-bulettin.

43.2.2.3 Il-Kunsill approva il-minuti tal-laqgħa numru 40 bit-tibdiliet hawn fuq imniżżla.

## 43.3 Komunikazzjoni tas-Sindku

43.3.1 Is-Sindku informa lill-Kunsill li ser jibda xogħol ta' restawr fuq l-iStatwa ta' San Ġużepp fi Pjazza Indipendenza, liema xogħol ser isir minn fondi mogħdija mill-Ministeru għal Għawdex. Staqsa lill-Kunsill, peress li ħa jibqa fondi mhux utilizzati, iridux li nitolbu *hand quotations* għal ħadid ta madwar ir-*roundabout*. Il-Kunsill qabel ma dan. Il-Kunsillier Karl Buttigieg ippropona li jinġabu *hand quotations* anke għar-*roundabout* ta' Triq Wied is-Simar.

43.3.2 Is-Sindku qal li l-ħidma fuq il-*wall mural* li ser isir fiċ-Ċentru Ċiviku jinsab fi stadju avanzat, u din il-ġimgħa beda jitqaxxar il-ħajt bi tħejjija għat-twaħħil tal-mużajk.

43.3.3 Is-Sindku għarraf lil Kunsilliera li baħala Kunsill ser japplikaw napplikaw għal fondi mill-iSkema tal-Ambjent. Qed jiġi ppropost li ssir Pjazza San Kerrew (ta' quddiem is-Santwarju tal-Immakulata Kunċizzjoni). Is-Sindku wera lill-Kunsilliera pjanta hekk kif għaddiha l-perit lil Kunsill. Il-Kunsill qabel mal-abbozz propst u biex il-perit jingħata permess ikun jista' jipproċedi bl-applikazzjoni. Saret diskussjoni fuq is-siġar proposti maġemb il-Kappella, eżzatt quddiem il-graffiti. Il-Kunsillier Joseph Buttigieg issuġġerixxa li qabel xejn jinġieb il-permess tal-Arċipriet peress li dan ix-xogħol ser isir fil-viċin ta' propjetà tal-Knisja (s-Santwarju).

43.3.4 Is-Sindku rrapporta lill-Kunsill li hu u l-Aġent Segretarju Eżekuttiv kellhom laqgħa ma uffiċjali tal-Pulizija inkarigati mit-taqsima tal-*Community Police*. L-ewwel xogħol tal-uffiċjal responsabbli mir-raħal tal-Qala kien li jagħmel ronda fi triq il-Wileġ, fejn dan waqqaf lit-trakkijiet kollha u fissrilhom ir-rotta li għandhom jgħaddu minnha. Minn hemm mar ta' Kassja fejn ordna lill-isviluppatur biex inaddaf l-iskart ta' kostruzzjoni li kien ġie mormi fit-triq mill-ħaddiema tiegħu.



Ċentru Ċiviku, Triq l-Isqof Mikiel Buttiġieġ, Qala, Għawdex, Malta
+356 2155 2555 qala.lc@gov.mt

43.3.5 Is-Sindku qal li bdiet it-tieni fażi tax -xogħol fi Triq il-Kunċizzjoni li tiġbor fiha xogħol ta' *water culverts* u t-tieni kisja ta' tarmac.

43.3.6 Is-Sindku aġġorna lill-Kunsill dwar il-proġett "Europe is a State of Mind (EUISM)". Is-Sindku ta' Canale Monterano għarrfu li l-Italja ġie dikjarat stat ta' emerġenza u għalhekk qed jissuġġerixxi li l-Konferenza fl-Italja ssir l-ewwel jew tieni ġimgħa ta' April.

43.3.7 Is-Sindku rrapporta li qed jintefa' boroż suwed biż-żibel, kull nhar ta' Sibt filgħaxija fi Triq Cordina kull nhar ta' Sibt, 'il ġewwa minn fejn kien ikun hemm l-iskips. Is-Sindku qal li qiegħed jaħdem fuq din il-problema.

43.3.8 Is-Sindku għarraf lil Kunsill b'aġġornament mibgħut lilu mingħand il-Perit fuq proġetti varji. Qal ukoll li l-perjodu tal-appelli għat-tender tas-"*Civil Works*" issa skada u ma kienx hemm appelli. Għalhekk issa l-Kunsill ser jghaddi biex jitlob *performance guarantee* mingħand ir-rebbieħ tat-tender, ħalli imbgħad ikun jista' jiġi ffirmat il-kuntratt.

43.3.9 Is-Sindku qal li xtaq jiċċara ir-rotot tat-trakkijiet li jgħaddu mill-Qala. It-trakkijiet ta' *Road Construction Co Ltd* jidħlu u joħorġu minn Triq Wied is-Simar. Trakkijiet ta' Gatt u tan-Najsi jidħlu minn triq il-Kunċizzjoni, waqt li joħorġu minn triq il-Wileġ. Fakkar li hemm *cameras* tas-sigurta' Triq il-Wileġ.

43.3.10 Is-Sindku semma li twaqqaf grupp bl-isem "*Keep Qala Clean*". Xtaq irodd ħajr lil Luke Said u Claire tal-ħidma tagħhom favur ambjent aktar nadif ġewwa l-Qala. L-ewwel attività ta' tindif hija mistennija ssir nhar it-12 ta' Frar fis-2p.m. fi Triq Wied is-Simar.

43.3.11 Is-Sindku qal li saret applikazzjoni mal-Awtorità tal-ippjanar biex issir xatba fl-għelieqi 'l isfel minn triq il-Barbaġan. Wara li l-Kunsill irċieva ilmenti li din il-grada tista' tibblokka l-aċċess ta' diversi nies għall-għelieqi tagħhom, intalab parir mingħandi l-Perit tal-Kunsill. Il-Perit flimkien mas-Sindku żar il-post u ssuġġerixxa li jitqabbad Nutar għal riċerka u Avukat biex naraw in-nies xi drittijiet għandhom. Il-Kunsill qabel li jitqabbad nutar.

43.3.12 Is-Sindku aġġorna lill-Kunsill dwar it-twaħħil ta' mera fi triq il-Belveder, bi swit il-monument ta' Patri Ġużepp Portelli. Fuq parir tal-avukat din il-mera twaħħlet ma tarf il-bankina, fit-triq, bejn żewġ propjetajiet. Is-sid issa jidher li hu kuntent.

43.3.13 Is-Sindku semma li hu u l-Aġent Segretarju Eżekuttiv kellhom laqgħa mad-Direttur Cutajar (Eco Gozo) dwar il-konsum tal-ilma fid-*dog park*. Jidher li hemm qbil bejn il-partijiet. L-Aġent Segretarju Eżekuttiv bagħat email lid-Direttur Cutajar dwar dan, u l-Kunsilliera ser ikunu infurmati fuq l-isviluppi dwar dan is-suġġett. Is-Sindku qal li jkun jixraq li nkunu nafu min hemm ħaddiema assenjati hemmhekk, anke għaliex f'din iż-zona tħalla ħafna ħmieg wara l-Attivita' tal-Milied.



Ċentru Ċiviku, Triq l-Isqof Mikiel Buttiġieġ, Qala, Għawdex, Malta
+356 2155 2555 qala.lc@gov.mt

43.3.14 Is-Sindku informa li ntbgħatet email lid-direttorat ta' Eco Gozo dwar il-ħtieġa li ssir tiswija urġenti fi Triq taċ-Ċawl.

43.3.15 Is-Sindku qal li intbgħatet email oħra, ukoll lid-direttorat ta' Eco Gozo Email dwar tindif ta' ħaxix ħażin triq ta' Ħondoq.

43.3.16 Is-Sindku qal li ser ikun qed ikompli jaħdem fuq il-kaxxa ta' Disability Parking li hemm imam mhux tintuża fi Triq taċ-Ċawl.

43.3.17 Is-Sindku semma li saret talba għal *Sub Post Office* fil-Qala. Maltapost qalet lill-Kunsill li jista' japplika min ikun interessat jagħti servizz (u mhux il-Kunsill Lokali).

43.3.18 Is-Sindku semma li hemm problema bil-provvista tal-*cold mix* għaliex ma ssibx tixtri. Kompla li waqt li l-compactor li għandu l-Kunsill qed jagħmel xogħol tajjeb xorta għad hemm ħofor li għadom ma ssewwewx minħabba nu-nuqqas ta' *cold mix*.

43.3.19 Is-Sindku għarraf lill-Kunsill li saret oġġezzjoni quddiem l-awtorità tal-ippjanar (PA) kontra l-applikazzjoni li saret għal restawr/*traffic management* tas-Salib tal-Kunċizzjoni. Il-perit ser ikun jieħu ħsieb jibgħat tweġiba lil PA.

43.3.20 Is-Sindku tkellem dwar l-għeuq ta' Triq 28 ta' April. Dan għaliex kien ilu ma jkun hemm xi bini f'din it-triq u l-aħħar li kien sar it-Trakkijiet kienu jitpoġġew fil-*plot* li hemm vojta maġemb it-*toilets*.

43.3.21 Is-Sindku qal li l-palma li kien hemm maġemb l-arblu fi ġnien il-Familja ġiet immexxija għal post ieħor. Ix-xogħol ġie immexxi mis-Sur Dione Caruana. Il-bandiera li kellħa tinħadem mill-għaqda tal-armar tlestiet, u issa ser ikun qed jinżebaħ l-arblu.

43.3.22 Is-Sindku qal li intbgħatet email b'talba lis-Segretarju Permanenti (Ministeru għal Għawdex) biex jiġu rrilaxxati 5 biċċiet tal-mużajk u jingħataw lil Kunsill Lokali Qala. Minn dak li ingħata x'jifhem, jidher li l-Ministeru għal Għawdex ser jagħtijomlna dalwaqt.

43.3.23 Is-Sindku semma li hem qasrija kbira fi Triq ta' Grunju li nkisret u għadha ma nbidlitx.

43.3.24 Is-Sindku rrapporta li l-ewwel parti tal-i*screening* tat-talba għal *town twinning funds* mill-Unjoni Ewopea għaddejna minnha. Bħalissa qed isiru diskussjonijiet bejn l-Aġent Segretarju Eżekuttiv u ACE srl biex jiġu finalizzati xi dettalji. Is-Sindku qal li jekk l-applikazzjoni tagħna tiġi aċċettata, il-Kunsill jingħata madwar €25,000 fondi biex norganizzaw konferenza u attivitajiet marbuta ma ġemellaġġi.

## 43.4 Tweġibiet għal mistoqsijiet tal-Kunsilliera



Ċentru Ċiviku, Triq l-Isqof Mikiel Buttiġieġ, Qala, Għawdex, Malta
+356 2155 2555 qala.lc@gov.mt

43.4.1.1 Il-Viċi Sindku Ivan Cefai tkellem dwar l-*issue* li s-Sur Joseph Sancto gie impjegat fil-Kunsill[1]. Kollox beda f'Ottubru meta l-Kunsilliera Valerie Cassar Mejlak ipproponiet li jitqabbad ħaddiem, u hawn is-Sindku qal li ma jistgħux. Waqt li l-Kunsill kien imsiefer f'Novembru, il-Viċi Sindku sar jafu li tqabbad xi hadd; u din il-ħaġa ssemmiet fil-laqgħa ta' Novembru. Gara li wara dik il-laqgħa ta' Novembru, fl-10/12/2021 il-Viċi Sindku Ivan Cefai ircieva SMS mingħand omm is-Sur Sancto; f'ħin li l-Kunsilliera Valerie Cassar Mejlak kienet mieghu. Waqt il-laqgħ nqara dan SMS u l-Viċi Sindku Ivan Cefai talab li jiġi mehmuż mal-minuti (mehmuz bħala "**Appendiċi 1**"). Il-Viċi Sindku Ivan Cefai qal li ma ħax gost b'dan il-messaġġ għaliex biex is-Sa Sancto waslet għal dan, xi ħadd kellemha. Lis-Sa Sancto intqalula affarijiet li mhux minnhom intiz biex jiskura lill-Vici Sindku u lill-Kunsilliera Valerie Cassar Mejlak.

43.4.1.2 Is-Sindku intervjena biex qal li dan ma jfissirx li qalilha hu; għax hu ilu snin ma jkellem lis-Sa Sancto. Zied li s-Sur Joseph Sancto ma baqax jitqabbad għax ha jinħareġ tender[2].

43.4.1.3 Il-Viċi Sindku Ivan Cefai qal li jixtieq jiċċara xi affarijeit fuq dan l-SMS. Kulħadd qabel li jitqabbad is-Sur Sancto. Kull ma qal il-Viċi Sindku Ivan Cefai kien li kellu problema dwar kif Joseph tqabbad minn wara dahar il-Kunsill. Ġie mistoqsi wkoll l-impjieg kienx skond il-liġi għaliex il-Kunsill għandu regolamenti ma xiex jimxi. Issemma l-VAT fl-SMS. Is-Sa Sancto ħassitha urtata għaliex in-numru ta' sigħat ikun baxx. Il-Viċi Sindku Ivan Cefai qal li VAT huwa rikjest bil-liġi. Il-Viċi Sindku Ivan Cefai iċċara li l-barani li jaħgħmel xogħol ta' kennies fir-raħal ma għandux VAT għaliex il-Kunsill għandu rapport ma kumpannija (u l-barrani jaħdem ma din il-kumpannija).

43.4.1.4 Il-Kunsilliera Valerie Cassar Mejlak qalet mhux talli ma rieditx lil Joseph Sancto imma riedet li jitħaddmu it-tnejn.

43.4.1.5 Is-Sindku qal li aktar ikunu ħaddiema, izjed aħjar.

43.4.2 Il-Viċi Sindku Ivan Cefai għamel dikjarazzjoni dwar l-Attivita' ta' Hondoq[3]: "Din l-attività ma kienitx organizzata mill-Kunsill Lokali Qala. Qatt ma kont infurmat ufficjalment mill-Aġent Segretarju Eżekuttiv dwar din l-attività. Kont sorpriż meta s-Sindku semma min attenda. Jien ma attendejtx minħabba xogħol; l-istess bħal ma ġara fil-pussess tal-Arcipriet u l-festa tal-Kuncizzjoni."

---

[1] Ara Minuta 41.5.4
[2] Nota Aġent Segretarju Eżekuttiv: Is-Sindku uża il-kelma "Tender". Jiġi ċċarat li fil-fatt inħarġet "Sejħa għal kwotazzjonijiet", mhux tender.
[3] Ara Minuta 42.3.19



Ċentru Ċiviku, Triq l-Isqof Mikiel Buttiġieġ, Qala, Għawdex, Malta
+356 2155 2555 qala.lc@gov.mt

43.4.3 Il-Kunsillier Karl Buttigieg staqsa met ser jinqata' l-ħaxix ħazin li hemm fi triq il-Barbaġan. Is-Sindku staqsa lill-Kunsill jaqblux li jitqabbad persuna biex jagħmel dan ix-xogħol. Il-Kunsill qabel, u s-Sindku qal li ser javviċina lil Kevin Abela għada stress dwar dan.

43.4.4 Il-Kunsillier Karl Buttigieg għamel referenza għall-istqarrija tas-Sindku dwar talba biex tissewwa triq taċ-Ċawl. Talab biex ma ninsewx Triq l-Indipendenza li ukoll ma tinsabx fi stat tajjeb. Is-Sindku wieġeb li ingħata stima mingħand Road Construction ta' €2,000 għal din it-tiswija, u li qed jnistenna stima mingħand Gatt. Is-Sindku żied li jixtieq ikollu ta l-inqas żewġ stimi għal dan ix-xogħol. Il-Viċi Sindku Ivan Cefai semma li hemm żewġ postijiet fi Triq l-Imgarr u Triq ISqof M Buttigieg li ukoll jeħtieġu manutenzjoni. Is-Sindku wieġeb li dawn kull ma jridu hu ftit qatran.

43.4.5 Il-Kunsillier Karl Buttigieg tkellem dwar l-istat li tinsab fiħ Triq il-Wardija. Is-Sindku semma li hemm tender maħruġ mill-Ministeru għal Għawdex dwar dan minħabba li x-xogħol fuq drenaġġ jinżel 'l isfel ħafna aktar mil-livell tat-triq. Il-Kunsillier Joseph Buttigeig ikkonferma li hemm tender u li l-valur tiegħu hu stmat madwar €500,000.

43.4.6 Il-Kunsillier Karl Buttigieg tkellem dwar każijiet ta' żibel maħruġ nhar ta' Hadd. Staqsa l-Kunsill jistax jagħmel tabella? Is-Sindku kkonferma li dawn it-tabelli ġew ordnati għadom ma waslux. Żied ukoll li hemm anke il-leaflets li jridu jsiru mill-*Green Pac*.

43.4.7 Il-Kunsillier Karl Buttigieg tkellem dwar pots fi Pjazza Isqof M Buttigieg, u staqsa nistgħux immexxuwhom. Is-Sindku qal li jistgħu, per eżempju billi jitqabbad *forklifter*. Il-Kunsillier Karl Buttigieg staqsa inqabbdux lil tal-Armar? Il-Kunsill qabel ma dan. Is-Sindku qal li tajjeb ikun hemm xi ħadd magħhom waqt li jkun qed isir dan ix-xogħol.

43.4.8 Il-Kunsilliera Valerie Cassar Mejlak qalet li fi Triq il-Wardija hemm siġra li ħarget wisq il-barra fit-triq, u talbet tiġi trimmed. Is-Sindku ser jieħu ħsieb li jsir dan ix-xogħol.

43.4.9 Il-Kunsilliera Valerie Cassar Mejlak staqsiet x'ser isir mill-*phone booth* tal-pjazza. L-Aġent Segretarju Eżekuttiv wieġeg li intbgħatet email mill-*Cultural Heritage Directorate* dwar il-phone booths, u li hu kien wieġeb lura bit-tagħrif mitlub. L-Aġent Segretarju Eżekuttiv ser ikun qiegħed jibgħat reminder lid-Direttorat tal-Kultura dwar dan.

43.4.10 Il-Kunsilliera Valerie Cassar Mejlak staqsiet dwar is-site plan mitlub mill-*Water Services Corporation* dwar sqaqien fi triq il-Wardija. L-Aġent Segretarju Eżekuttiv wieġeb li din intbgħatet lill-WSC u irċievejna lura mistoqsija dwar dawn l-isqaqien humiex privati jew pubbliċi. Saret talba dwar dan lid-dipartiment tal-Artijiet, u ser ikunu qed jintbgħatu wkoll ritratti ta' dawn l-isqaqien lill-istess dipartiment.

43.4.11 Il-Kunsilliera Valerie Cassar Mejlak tkellmet dwar it-talba tagħha biex isir dawl fi triq il-Fortin ta' Sant' Antnin. Is-Sindku qal li inġabu stimi mingħand l-Ingineer Galea Curmi. L-Aġent Segretarju Eżekuttiv ta' aġġornament lill-Kunsill dwar dawn l-istess stimi.



Ċentru Ċiviku, Triq l-Isqof Mikiel Buttiġieġ, Qala, Għawdex, Malta
+356 2155 2555
qala.lc@gov.mt

Il-Kunsilliera Valerie Cassar Mejlak ipproponiet li proposed napplikaw għalihom taħt xi skema. Il-Kunsill qabel ma dan.

43.4.12 Il-Kunsilliera Valerie Cassar Mejlak staqsiet dwar it-talba li saret lill-Ministru għal Għawdex dwar solar pole FI Triq Anton Buttigieg. L-Aġent Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li intbgħatet email dwar dan il-ġimgħa li għaddiet; u ser ikun qed isegwi din it-talba permezz ta' *follow up*.

43.4.13 Il-Kunsillier Joseph Buttigieg talab għal aġġornament fuq l-studju ta' sistema *one way* li ġiet diskussa f'laqgħat preċedenti. Is-Sindku wieġeb li dan l-istudju ma laħaqx sar.

43.4.14 Il-Viċi Sindku Ivan Cefai ippropona li tikber is-*swimming zone* għal Ħondoq ir-Rummien. Intlaħaq qbil unanimu mil-Kunsill dwar dan. Is-Sindku talab ukoll biex issir applikazzjoni oħra ħalli nippruvaw nagħlqu l-bajja ta' Bumbarin ukoll, biex Ħondoq u ta' Bumbarin isiru *swimmers zone* waħda.

43.4.15 Il-Viċi Sindku Ivan Cefai qal li l-Kleru jinsabu preokkupati bil-kundizzjoni tas-siġar, għaliex dawn kibru ħafna. Staqsa jistax il-Kunsill japplika biex jingħataw *trim* ikbar milli soltu jingħataw (*heavy pruning*). Il-Kunsill qabel ma dan. Il-Kunsill Joseph Buttigieg qal li l-*Environmental Landscapes Consortium* (ELC) jagħmlu dan ix-xogħol. Il-Kunsill qabel li jiġu kkuntattjati l-ELC għal dan ix-xogħol, u naraw ukoll dawn ikunux jistgħu japplikaw huma wkoll mal-ERA.

43.4.16 Il-Kunsillier Joseph Buttigieg semma li bħalissa hemm skema tal-EU miftuħa għal Toroq Rurali. Il-Ministeru ser ikun qed japplika għal triq f'kull lokalità, u fil-każ tal-Qala intgħażlet triq Għajn Ħaġar. Il-Kunsilliera qablu unanimamanet li bħala Kunsill nippruvaw napplikaw għal Triq taċ-Ċawl.

## 43.5 Aġġornament fuq il-Mafkar għal vittmi tal-Gwerer dinjija

43.5.1 L-Aġent Segretarju Eżekuttiv ippreżenta lill-Kunsill stimi (hand quotations) għal xogħol ta' rħam biex isir il-Mafkar għal vittmi tal-Gwerer dinjija. Ġew individwati l-Għawdexin kollha li jagħmlu dan ix-xogħol u kollha intalbu jibgħatu stima. Bħala post kien ġie diskuss li l-mafkar jitwaħħal ma ġemb tal-Knisja Arċipretali. L-Aġent Segretarju Eżekuttiv kien diġa' tkellem mal-Arċipriet dwar dan, imma ser ikun qed jerġa' javviċina lill-istess Arċipriet qabel ma ssir l-ordni finali. Il-Kunsill qabel li tintalab "sample" ta' xi xogħol simili li nħadmu mit-tliet persuni li tefgħu l-istima, ħalli hekk jiġi żgurata l-kwalita' tax-xogħol finali.

## 43.6 *Community Police* fil-Qala



Ċentru Ċiviku, Triq l-Isqof Mikiel Buttiġieġ, Qala, Għawdex, Malta
+356 2155 2555 qala.lc@gov.mt

43.6.1 Dan l-*item* diġa ġie diskuss waqt l-istqarrijiet tas-Sindku[4].

43.6.2 Meta l-Aġent Segretarju Eżekuttiv staqsa kienx hemm xi ħadd li xtaq iżid ma dak li diġa' ntqal, is-Sindku qal li l-uffiċjal inkarigat mill-Qala qed iżomm kuntatt regolari miegħu u qed juri dedikazzjoni għax-xogħol afdat lilu.

## 43.7 Applikazzjoni PA għal *gates* – aċċess għelieqi 'l isfel minn Triq il-Barbaġan

43.7.1 Dan l-*item* diġa ġie diskuss waqt l-istqarrijiet tas-Sindku[5]

## 43.8 Aġġornament fuq il-Proġett tal-*Urban Squares*

43.8.1 L-Aġent Segretarju Eżekuttiv għarraf lill-Kunsill li l-Awtorità tal-Ippjanar irċeviet oġġezzjoni għall-applikazzjoni li l-Kunsill għamel biex titranġa iz-zona tas-Salib tal-Kunċizzjoni. L-Aġent Segretarju Eżekuttiv spjega lill-Kunsill li l-persuna li ressqet l-oġġezzjoni uriet tħassib għaliex bil-proġett kif propost, skond l-objettur, ser ikollu problema biex idaħħal il-karozza fil-garaxx. Din l-oġġezzjoni tgħaddiet lill-Perit tal-Kunsill biex ikun jista' jidirizza din l-oġġezzjoni.

## 43.9 Materji Amministrattivi

43.9.1 L-Aġent Segretarju Eżekuttiv ippreżenta abbozz ta' ftehim biex jiġi kkunsidrat mill-Kunsill qabel ma jiġi ppreżentat lis-Sa Rath, dwar is-servizz WIFI4EU fuq il-Belvedere. Il-Kunsill qabel unanimament mal-abbozz kif propost.

43.9.2 L-Aġent Segretarju Eżekuttiv ressaq quddiem il-Kunsill talba mis-Sur Emanuel Agius, li suppost ser jirtira mix-xogħol din is-sena. Is-Sur Agius talab biex jingħata estensjoni ta' sena sabiex ikun jista' jibqa' jaħdem sas-sena 2023. Il-Kunsill qabel unanimament ma din it-talba. L-Aġent Segretarju Eżekuttiv ser ikun qiegħed imexxi din it-talba quddiem id-Dipartiment tal-Kunsilli Lokali li miegħu is-Sur Agius jappartjeni.

---

[4] Ara Minuta 43.3.4
[5] Ara minuta 43.3.11



Ċentru Ċiviku, Triq l-Isqof Mikiel Buttiġieġ, Qala, Għawdex, Malta
+356 2155 2555 qala.lc@gov.mt

## 43.10 Korrispondenzi

43.10.1 L-Aġent Segretarju Eżekuttiv ippreżenta email li l-Kunsill bagħat lis-Segretarju Permanenti tal-Ministeru għal Għawdex li fiha saret talba biex jiġu rilaxxati l-biċċiet tal-Mużajk li kienu ġew diskussi fil-laqgħa mal-Minstru għal Għawdex.

43.10.2 L-Aġent Segretarju Eżekuttiv ippreżenta korrispondenza li saret permezz ta' email mat-Taqsima Kultura dwar l-esibizzjoni "*On the Road*". F'din il-Korrispondenza l-Kunsill ġie informat li għaddej xogħol ta' tħejjija min-naħa tat-taqsima, u li ser issir komunikazzjoni mal-Kunsill iżjed 'il quddiem.

43.10.3 Email mingħand l-Assoċċazzjoni Kunsilli Lokali dwar taħriġ fuq l-ewwel għajnuna u uzu ta' AED li ser isir Marzu. Il-Kunsilliera ġew mitluba biex min ikun interessat jinforma lill-iskrivana ħalli ssirilhom applikazzjoni għal dan it-taħriġ.

43.10.4 Email mingħand l-Assoċċazzjoni Kunsilli Lokali dwar *Earth Hour 60+* li ser issir fis-26/3/2022. Il-Kunsill qabel li għal din l-attività il-faċċata tal-Kunsill tintefa bejn it-20:30hrs u 21:30hrs kif mitlub minn din l-istess email.

43.10.5 Email mingħand Enemalta li fiha l-Kunsill ġie mgħarraf bi qbil li ntlaħaq bejn Enemalta u l-Water Services Corporation biex jitpoġġa cable tal-*high tension* fi Triq il-Forn.

43.10.6 Email mingħand TriGozo li fiha l-Kunsill intalab *sponsorship* għal attività sportiva "3 islands challenge" li hi mistennija ssir għal Ottubru 2022. Il-Kunsill qabel unanimament li jagħti €500 lil TriGozo bħala għajnuna biex din l-attività tkun tista' tiġi organizzata.

43.10.7 Email mingħand ERA dwar applikazzjoni PA/04687/10 biex jgħarrqu vapur fil-limiti tal-Qala, bejn Għawdex u Kemuna, bl-iskop li ssir attrazzjoni ġdida tad-*diving*. Waqt li l-Kunsill qabel fil-prinċipju ma din il-proposta, ser tkun qiegħda tintalab kjarifika fuq il-post preċiż fejn qed jiġi ppjanat li ssir din l-inizjattiva. Il-Kunsill qabel ukoll li jitqabbad Dr. Alan Deidun biex jagħtina il-veduti tiegħu dwar din il-proposta.

## 43.11 Materji oħrajn u Mozzjonijiet

42.11.1 L-Aġent Segretarju Eżekuttiv qara l-iskeda ta' Pagamenti numru 01/2022 and 02/2022. Il-Kunsill qabel li għandhom isiru dawn il-ħlasijiet.

## 43.12 Tmiem il-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.



Ċentru Ċiviku, Triq l-Isqof Mikiel Buttiġieġ, Qala, Għawdex, Malta
+356 2155 2555 qala.lc@gov.mt

42.11.1 Il-laqgħa ġiet fi tmiema fil-18:53. Intlaħaq qbil li fuq *tentative date* għal laqgħa li jmiss biex issir nhar l-Erbgħa 23 ta' Frar 2021 fl-16:30.

| | |
|---|---|
| **(IFFIRMAT)** | **(IFFIRMAT)** |
| Paul Buttigieg<br>Sindku | Lorne Cremona<br>Aġent Segretarju Eżekuttiv |



Ċentru Ċiviku, Triq l-Isqof Mikiel Buttiġieġ, Qala, Għawdex, Malta
+356 2155 2555 qala.lc@gov.mt